MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

13 ta' Gunju 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI– Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd minn dawk li kellhom ikunu preżenti għall-laqgħa kien fil-ħin.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

Is-Sindku beda billi rringrazzja lill-Onorevoli Buontempo tas-servizz li ta lill-komunita' tul dawn l-aħħar snin u awgura lill-Onor. David Agius u l-Onor. Silvio Parnis talli ġew eletti.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Il-minuti ġew approvati.

Is-Sur Stefan Cordina ssospenda laqgħa sabiex il-Kunsill jiltaqa' u jitkellem mas-Sur Raphael Carabott Project's Manager. Is-Sur Carabott introduca lilu innifsu bħalha ko-ordinatur ġdid tax-xogħolijiet u li hu għandu esperjenza ta' xogħol mal-Kunsilli Lokali peress li preċedentament kien jaħdem bħalha *Authorised Officer* mal-Kumitat Konġunt. Is-Sur Zammit saqsa għan-numru tat-telefon tiegħu.

Is-Sur Cassar saqsa jekk fil-kuntratti hemmx lok għall-*improvement*? Is-Sur Carabott qal li essaċċ mhux li hemm xi problemi kbar bil-kuntratti ħlief li meta jkun hemm xi kollettur ġdid tintesa' xi borża, li tan-Non Urban ma jimxix mal-iskeda u kien hemm diżgwid sa fejn suppost jasal Triq il-Pitkali u fuq l-isqaq ta' ħdejn is-Citroen li ma jagħmilx mal-Kunsill u l-knis. Il-knis kulħadd jaf li hemm problema bl-użu tal-pestiċida, li *round up* huwa projbit. Is-Sur J. Debono qal li Misraħ Kola reġa' mimli ħaxix u għandu bżonn jerġa jiġi midhur. Is-Sur Carabott qal li fejn għandu wkoll xogħol simili dak ta' mal-Kunsill Lokali Pembroke, ma tarax ħaxixa ħażina, imma għax jinqata' regolarment. Is-Sur Carabott qal li ħa jitkellem miegħu biex jara jsibux xi prodott safe għax wara kollox jekk wieħed joqgħod sejjer hekk kollox fih xi forma ta' pestiċida. Rigward il-Ġonna qal li jrid jiġri warajh għax jekk jagħti każ, hemm x'jista' jiżra bħal pittosporum u li tista' tinżera' żerriegħa tal-fjuri, imma jrid isaqqi.

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Carabott u awguralu jkompli għaddej bil-ħidma t-tajba.

## 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward:

29.3.1 Laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi fejn fiha kien hemm preżenti xi residenti fuq Triq Ħal Qormi u Triq San Duminku. Hu qal li ngħatat xi ordni diretta sabiex jiġu aġevolati xi residenti u a skapitu t'oħrajn. Insista li kien bilfors hemm *xi hidden Agenda* u għalhekk ma riedx jgħaġġel u għalkemm il-Ministru talab il-proposti tal-Kunsill, kien tal-parir li jitħalla kollox għal wara l-Elezzjoni.

29.3.2 Sta. Katerina twaqqfu x-xogħolijiet minħabba li l-Kunsill ma kienx ikkonsultat. Qal ukoll li peress ma kienx hemm permess għall-kontinwazzjoni u x'se jsir min-naħa tat-TM u Korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma, se ssir laqgħa l-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju.

29.3.3 Talab biex jiġi approvat ftehim għall-Community Based Tourism. Is-Sur A. Mangion ħa jkun parteċipi f'dan il-grupp u se ssir laqgħa fil-ġranet li ġejjin.

29.3.4 Monument ta' tifkira f'egħluq tal-75 sena mill-wasla tal-konvoj ta' Santa Marija. Qal li b'kollaborazzjoni mal-Każin tal-Banda La Stella Levantina u bil-permess tal-Malta Arts Council, ġie ddisinjat Monument li ħa jinkixef fl-14 t'Awwissu 2017.

29.3.5 Talba li saret sabiex jiġu rilokati s-siġar ta' Triq il-Konti R. Barbaro. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tara l-każ.

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

29.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq

- Jekk ikun hemm *crane* jaħdem f'xi triq jistax jinforma lis-Sur Carabott. Dan jista' jsir u għandu n-numru tiegħu.

29.4.2 Is-Sur Marko Spiteri saqsa fuq:

- L-apparat fi Ġnien Misraħ Kola sabiex issir bandla.

29.4.3 Is-Sur Raymond Azzopardi irrimarka fuq:

- Tappiera tħabbat fi Triq l-Imdina quddiem Ivory and Co.

## 29.5 Rapporti

29.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 29.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

29.6.1 Approvati.

## 29.7 Mozzjonijiet; u

29.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 29.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

29.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għat-12 ta' Lulju 2017 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 12 ta' Lulju 2017.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |